GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR231550 | 08.10.2023 | 3 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Notte Bianca 2023***

Din is-sena wkoll il-Kamra tad-Deputati fetħet il-bibien tagħha għall-pubbliku waqt l-avveniment tan-Notte Bianca. Min żar il-bini tal-Parlament kellu l-opportunità li jara s-Sala tal-Parlament kif ukoll il-kmamar tal-kumitati, fejn kien hemm uffiċjali tal-Kamra li taw informazzjoni fuq id-diversi aspetti tal-ħidma parlamentari.

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia kien preżenti għal din l-attività li matulha huwa wkoll kellu l-opportunità li jitkellem mal-pubbliku dwar l-istorja tal-Parlament, l-irwol tal-Parlament f'sistema demokratika u l-ħidma li ssir mill-Membri Parlamentari fl-interess tal-kostitwenti tagħhom.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt

www.doi.gov.mt